



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.10.2006  
KUMM(2006) 642 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**dwar is-segwitu għad-Deċiżjonijiet ta' Kwittanza 2004 (Taqkira) -  
Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill**

{SEG(2006) 1377}

## WERREJ

PREAMBOLU .....	3
I. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Baġit Ġenerali .....	4
a) Introduzzjoni (Dokument Ta' Ħidma Tal-Kummissjoni, Punti 1-5).....	4
b) Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (DAS) u l-informazzjoni sekondarja (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 6-12) .....	4
c) Ġestjoni tal-Baġit (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 13-16) .....	5
d) Dħul (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 17-20).....	5
e) Il-Politika Agrikola Komuni (Dokument ta' ħidma tal-kummissjoni, punti 21-28).....	6
f) Miżuri strutturali (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 29-37).....	6
g) Oqsma ta' Politika Interna, inkluża r-riċerka (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 38-42).....	7
h) Azzjonijiet esterni (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 43-45) .....	7
i) Għajnuna ta' qabel l-adeżjoni (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 46-48).....	8
j) Spiża amministrattiva (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 49-52).....	8
k) Strumenti finanzjarji u attivitajiet bankarji (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 53-54).....	8
II. Rakkomandazzjonijiet dwar aġenziji individwali (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 55-57) .....	8
III. Konklużjonijiet tas-segwitu tal-kwittanza għall-2003 (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 58-63) .....	9
IV. Rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 64-79).....	9

## PREAMBOLU

Skond l-Artikolu 276 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 180b tat-Trattat Euratom, “Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi kollha xierqa sabiex taġixxi fuq l-osservazzjonijiet fid-deċiżjonijiet ta' kwittanza u fuq osservazzjonijiet oħra mill-Parlament Ewropew rigward l-esekuzzjoni tan-nefqa, kif ukoll fuq il-kummenti annessi mar-rakkomandazzjonijiet dwar il-kwittanza adottati mill-Kunsill. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u l-kummenti u b'mod partikolari dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lid-dipartimenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit. Dawn ir-rapporti għandhom jintbagħtu wkoll lill-Qorti ta' l-Awdituri”<sup>1</sup>

Il-Kummissjoni għalhekk ħejjiet Rapport ta' Segwitu, li huma dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 u r-Risoluzzjonijiet ivvutati mill-Parlament Ewropew fis-27 ta' April 2006. Ir-Rapport ta' Segwitu preżenti jittratta r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kunsill dwar il-Kwittanzi ta' l-2004. Rapport ta' Segwitu separat jittratta r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament dwar il-Kwittanzi mogħtija għas-sena finanzjarja 2004<sup>2</sup>.

Ir-Rapporti ta' Segwitu mqassra, li huma ppubblikati fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, huma kkumplimentati minn dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni li jagħtu tweġibiet dettaljati għal kull rakkomandazzjoni speċifika kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Parlament. It-tweġibiet jindikaw azzjonijiet li l-Kummissjoni beħsiebha tiegħu jew li diġà ħadet kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni m'hijiex jew ma tistax tagħmel segwitu tagħhom. Minħabba limitazzjonijiet tat-traduzzjoni d-dokumenti dettaljati ta' ħidma huma ppubblikati bl-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Kull kapitulu tar-rapporti mqassra jinkludi referenzi minn naħa għall-oħra għan-numri tar-rakkomandazzjoni relevanti fid-dokumenti ta' ħidma.

Fil-kuntest tal-kwittanza 2004, il-Kummissjoni identifikat total ta' 79 rakkomandazzjoni li saru mill-Kunsill lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tqis li għal 38 rakkomandazzjoni l-azzjoni meħtieġa ttieħdet diġà. Għal 39 rakkomandazzjoni oħra l-Kummissjoni taqbel li tiegħu l-azzjoni rakkomandata mill-Kunsill. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta 2 rakkomandazzjonijiet u għalhekk mhix se tiegħu l-azzjoni miltuba<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Ara wkoll l-Artikolu 147 tar-Regolament Finanzjarju

<sup>2</sup> Kwittanza tal-Baġit Ġenerali 2004, Kwittanza ta' l-EDF 2004, Kwittanza ta' l-Aġenziji 2004.

<sup>3</sup> Ara r-rakkomandazzjonijiet 24 u 61.

## I. RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-BAĠIT ĠENERALI

### A) Introduzzjoni (Dokument Ta' Ħidma Tal-Kummissjoni, Punti 1-5)

Bħall-Kunsill, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li fl-2004 il-Qorti ta' l-Awdituri għal darb'oħra ma setgħetx tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS) dwar il-parti l-kbira mill-ispiża. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni nediet il-pjan tagħha "Pjan ta' Azzjoni lejn Qafas ta' Kontroll Intern Integrat" (KUMM(2006) 9). L-għan tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jassigura li hemm sistemi ta' superviżjoni u kontrolli biex ir-riskju ta' illegalità jew irregolarità fil-bażi tat-tranżazzjonijiet jinżamm f'limiti raġonevoli u biex jipprovdli lill-Qorti ta' l-Awdituri assiguranzi raġonevoli għal dak il-għan.

Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludu 16-il azzjoni taħt erba' temi wiesgħa bil-għan li jissimplifikaw u jarmonizzaw il-prattiċi ta' kontroll, permezz ta' skambju ta' informazzjoni u l-użu ta' approċċ ta' "awditur wieħed" (single-audit) biex jintlaħqu aħjar ir-riżorsi limitati ta' kontroll disponibbli. F'dan l-istadju, tnedew azzjonijiet ta' prijorità, filwaqt li oħrajn li jiddependu fuq ir-riżultati ta' azzjonijiet preċedenti ser jiġu żviluppatti matul l-2007. Hu mistenni li jsir biżżejjed progress sal-bidu ta' l-2009. L-ewwel rapport ta' sitt xhur ta' progress lill-Parlament u lill-Kunsill inħareġ fid-19 ta' Lulju 2006 (SEG(2006) 1001).

### B) Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (DAS) u l-informazzjoni sekondarja (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 6-12)

Il-"Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas ta' Kontroll Integrat" jiffissa s-simplifikazzjoni bħala l-għan għall-perjodu li jmiss ta' programmazzjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regoli ta' Parteċipazzjoni għas-7 Programm Qafas jipprevedi li ser isir użu ikbar mir-rati fissi (inkluż l-ispejjeż skond l-iskala ta' unità) u s-somom sħaħ fi ħdan it-termini tar-Regolament Finanzjarju. Dwar il-kuntratti u l-għotjiet ta' valur baxx, il-Kummissjoni tipproponi li tħalli lill-uffiċjal li jawtorizza jiddeċiedi hu dwar il-ħtieġa li jivverifika l-kriterji ta' esklużjoni skond il-valutazzjoni tiegħu/tagħha tar-riskju. L-awtorità leġiżlattiva għandha tagħti l-attenzjoni neċessarja lill-vijabilità tal-kontrolli mistennija u n-nefqa/benefiċċju tagħhom, biex l-applikazzjoni tal-kontroll tkun ċara kemm jista' jkun.

Fis-Sinteżi ta' l-2005 tar-rapporti annwali ta' attività il-Kummissjoni laqgħet it-titjib ġenerali fir-rapporti annwali ta' attività (AAR), li kienu ġeneralment iktar iffokati u espliċiti. Dan huwa r-riżultat ta' tmexxija aħjar biex tiżdied ir-responsabbiltà permezz ta' dikjarazzjonijiet espliċiti u l-istima tan-natura inerenti u l-karatteristiċi tal-ġestjoni, ir-riskju u l-kontroll ambjentali li fihom joperaw id-Direttorati Ġenerali, u ta' l-elementi u r-riżultati tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li jappoġġjaw l-assigurazzjonijiet meħtieġa fid-dikjarazzjoni.

Ir-riżultati ta' Azzjoni 3a tal-Pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni (speċifikazzjoni tal-komponenti ta' kontroll) ser jiġi kkunsidrat għaċ-ċirkolari ta' l-AAR biex titjeb l-informazzjoni dwar l-elementi ewlenin tal-kontrolli interni u l-ġestjoni tar-riskji fl-AARs ta' l-2006. Il-ħidma attwali dwar il-kriterji ta' materjalità ser tikkontribwixxi wkoll biex jitjeb ir-rappurtar. Barra minn hekk, għaddejja l-azzjoni ta' Sinteżi ta' l-2004 dwar l-għanijiet u l-indikaturi għal-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet.

Dwar is-sistema l-ġdida ta' kontabilità tal-Kummissjoni, li bdiet taħdem f'Jannar 2005, il-Kummissjoni stabbiliet il-karta tal-bilanċ tagħha u din ġiet inkluża bħala parti mill-kontijiet annwali provviżorji ta' l-2005. Dawn il-kontijiet ġew ippreżentati fil-ħin lill-Qorti ta' l-Awdituri fil-31 ta' Marzu 2006, skond ir-Regolament Finanzjarju.

### **c) Ġestjoni tal-Baġit (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 13-16)**

Il-Kummissjoni tinnota s-sodisfazzjon tal-Kunsill bil-progress ġenerali tal-ġestjoni tal-baġit tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni dejjem għandha l-għan li tipprovdi stimi eżatti u realistiki tal-baġit, fuq il-bażi ta' l-aħjar informazzjoni disponibbli. Fl-2005, stimi tal-baġit iktar eżatti ġew riflessi f'titjib sinifikanti fir-rata ta' implimentazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet ta' ħlas, li telgħu għal 98% (100% għall-operazzjonijiet strutturali).

Il-Kummissjoni taġġorna b'mod regolari l-analiżi tagħha ta' l-impenji pendenti tal-baġit għall-Fondi Strutturali u ser tkompli tagħmel dan. L-analiżi tqis l-aħħar data ta' implimentazzjoni disponibbli u l-iżviluppi previsti. Fl-aħħar valutazzjoni tagħha il-Kummissjoni ddedikat attenzjoni xierqa biex taqleb għal perjodu ġdid ta' programmazzjoni. Analiżi estensiva ta' l-impenji pendenti tal-baġit għall-Fondi Strutturali tiġi ppubblikata kull sena f'Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni (DG Budget) "Analiżi ta' l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondi Strutturali". L-analiżi għall-2005 ġiet ippubblikata f'Mejju 2006 u tinkludi wkoll analiżi ta' l-operazzjoni tar-regola n+2. Fil-perjodu attwali tal-programm ir-regola n+2 tipprovdi inċentiv qawwi lill-Istati Membri biex jassiguraw li l-implimentazzjoni timxi b'pass mgħaġġel biżżejjed, minħabba li l-fondi li ma jiġux implimentati fil-ħin jinħallu. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma konxji li hemm bżonn issir viġilanza biex jiġi assigurat li l-bidla bejn iċ-ċikli tal-programmi ssir mingħajr skossi, kemm biex tiġi assigurata l-implimentazzjoni tal-programm, kif ukoll biex isir l-ammont ta' xogħol addizzjonali dwar it-twaqqif ta' programmi ġodda.

### **d) Dħul (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 17-20)**

Bħall-Kunsill, il-Kummissjoni hija kuntenta li l-Qorti fl-2004 għal darb'oħra kkunsidrat bħala sodisfaċenti r-riżultati dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi għad-dħul.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet jew qed tiegħu l-azzjonijiet rakkomandati mill-Kunsill dwar ir-riżorsi tagħha. Il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex itejbu l-mekkaniżmi tagħhom ta' rimedju (*fall-back*) għas-sistemi elettroniki doganali ta' rilaxx. F'perjodu fit-tul qed tittieħed ukoll azzjoni bħala parti mill-proġett biex jiġi introdott kodiċi doganali modern sa l-2009. Il-kodiċi l-ġdid ser ikun fih dispożizzjonijiet iktar ċari dwar it-tfassil ta' regoli għall-proċeduri ta' rimedju fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni.

Dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll għad-dazji taz-zokkor, sar awditjar fi tmax-il Stati Membru mill-2004. Ma nstabu ebda problemi serji ħlief fi Stat Membru wieħed. Is-sistema l-ġdida taz-zokkor, effettiva mill-1 ta' Lulju 2006, tabolixxi d-dazji ta' produzzjoni li jridu jitħallsu mill-manifatturi għal kwantitajiet prodotti taħt il-kwota. Fir-regolamenti l-ġodda ta' implimentazzjoni, fil-każ ta' ksur, il-Kummissjoni saħħet id-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli u s-sanzjonijiet.

Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt kostanti ma' l-Istati Membri biex jitneħħew malajr kemm jista' jkun ir-riservi dwar id-dikjarazzjonijiet tal-VAT ta' l-Istati Membri. Madankollu, ir-ritmu ta' din il-ħidma tiddependi mill-kapaċità ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali biex isibu u jużaw data aħjar, tabilħaqq kull data possibbli f'ċerti każijiet, jew metodoloġija xierqa jew iktar adattata. Il-Kummissjoni tagħti pariri regolari lill-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet.

Dwar ir-riżorsi GNI, il-Kummissjoni ser tiddiskuti l-ħruġ ta' sistemi ta' superviżjoni u kontroll dwar il-kontijiet nazzjonali ma' l-Istati Membri fil-Kumitat tal-GNI fl-2006. Il-Kummissjoni mbagħad tagħmel suġġerimenti biex tippromwovi l-aħjar prattiċi fl-2007.

#### **E) Il-Politika Agrikola Komuni (Dokument ta' ħidma tal-kummissjoni, punti 21-28)**

Il-Kummissjoni hija kommissa li tindirizza nuqqasijiet li fadal fis-sistema ta' kontroll li għadhom jeżistu f'diversi żoni tal-CAP li ma jgħux iċċekkjati permezz ta' l-IACS. Ir-riformi CAP ta' l-2003 u, għal prodotti Mediterranji, ta' l-2004 inaqqsu r-riskju ġenerali billi jestendu l-ispiża koperta mill-IACS għal 89 % sa l-2013.

Dwar ir-Rapport Annwali ta' Attività tad-Direttur Ġenerali il-Kummissjoni mhix beħsiebha tindika separatament fid-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali l-ispiża verifikata u l-ispiża suġġetta għal iktar verifiki. Meta titqies in-natura multi-annwali tal-proċess ta' konformità ta' rilaxx, distinzjoni bħal din tkun fil-parti 'l kbira arbitrarja; tippreġudika wkoll id-dritt ta' difiża ta' l-Istati Membri fil-kuntest tar-rilaxx tal-proċedura tal-kontijiet. Fl-AARs tagħhom ta' l-2004 u 2005 id-DGs stipulaw b'mod ċar il-bażi tad-dikjarazzjoni annwali ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali. Il-katina sħiħa ta' kontrolli u fid-DG AGRI AAR ir-rilaxx tal-proċeduri tal-kontijiet ġew ippreżentati fid-dettall, u wrew kif dawn l-elementi jikkontribwixxu għall-assigurazzjoni ġenerali, mibnija fuq l-għejjun kollha ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tad-Direttur Ġenerali. Barra minn hekk, fl-AAR ta' l-2005, DG AGRI tagħti indikazzjoni tal-livell ta' korrezzjonijiet finanzjarji li x'aktarx jiġu imposti fuq l-Istati Membri għall-perjodu 1999-2005. L-istess jista' jingħad għall-kontijiet annwali, fejn il-Kummissjoni tiżvela kif meħtieġ l-ammonti li għadha qed tistenna li jitħallsu permezz tal-proċess tar-rilaxx tal-kontijiet.

Id-dgħjufijiet identifikati mill-Qorti ta' l-Awdituri fiż-żona ta' l-infiq fuq premiums ta' l-annimali ma jikkonċernawx l-effettività tas-sistema nnifisha ta' kontroll ta' l-IACS. Tabilħaqq l-ittestjar dirett li jsir mill-Qorti ma żvelax xi żbalji sinifikanti. Il-problema identifikata tikkonsisti l-aktar f'persentaġġi għolja ta' żbalji identifikati fil-livell tal-bdiewa mill-ispezzjonijiet ta' l-IACS, partikolarment f'ċerti Stati Membri.

Il-Kummissjoni ser tkompli tidentifika b'mod iktar preċiż ir-raġunijiet għaliex l-istatistiċi ta' l-IACS juru rati għolja għal ċerti Stati Membri fl-għadd ta' annimali ikkwotat ħażin jew iktar milli suppost u ser tirrakkomanda li jittieħdu l-azzjonijiet xierqa.

Għalkemm l-użu tas-sistema tal-finanzjament minn qabel saret ekonomikament insinfikanti, bl-eċċezzjoni tas-settur taċ-ċanga, l-aktar minħabba l-funzjoni tagħha ta' kontroll, il-Kummissjoni qed taħdem fuq il-passi meħtieġa biex tabolixxi s-sistema ta' finanzjament minn qabel ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, waqt li għas-settur taċ-ċanga ser tiġi introdotta sistema ta' produzzjoni alternattiva u ta' kontroll tal-ħażna. Dawn il-miżuri għandhom ikunu fis-seħħ sa l-aħħar ta' l-2006.

#### **F) Miżuri strutturali (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 29-37)**

Fl-2005 saret reviżjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-Fondi Strutturali bi tħeħħija għall-Pjan ta' Azzjoni. Għadd ta' azzjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni għandhom l-għan li tikber l-effettività, l-ekonomija u l-effiċjenza tas-sistemi. Ta' importanza partikolari għas-sistemi fil-Fondi Strutturali huma l-analiżi ta' kwalità tal-kontrolli u d-dikjarazzjonijiet eżistenti (azzjoni 13), li għandhom jintemmu sa tmiem l-2006, u l-istħarriġ dwar l-ispejjeż tal-kontrolli (azzjoni 10), li għandu jintemm sa Settembru 2007. Fil-bidu ta' l-2006 il-Kummissjoni ħarġet noti fuq prattiċi tajbin fil-verifiki ta' kuljum mill-management u fil-ħlas tal-ħidma ta' l-awtoritajiet qabel ma tiċċertifika talbiet għal ħlas, li bl-iffissar ta' punti ta' riferiment għandhom jgħinu lill-Istati Membri biex il-kontrolli jsiru iktar effettivi u jiġi evitat li jirfsu f'xulxin. Il-ħidma li qed issir biex jiġu kkoordinati l-istandards ta' l-

awditjar (azzjoni 16) u biex jiġi intensifikat il-qsim tar-riżultati ta' l-awditjar (azzjoni 9) għandha tgħin lill-ekonomija u l-effiċjenza kif ukoll biex is-sistema ta' kontroll taħdem b'mod aktar effettiv.

Barra minn hekk, ix-xogħol ta' awditjar tal-Kummissjoni, fil-monitoraġġ tar-riżultati ta' l-awditjar ta' korpi nazzjonali ta' l-awditjar u t-tixrid ta' prattika tajba huma kollha maħsuba biex iwasslu għat-titjib meħtieġ fis-sistemi biex jintlaħaq l-għan tal-kontroll finanzjarju – dak li n-nefqa li titħallas lura tkun kemm jista' jkun ħielsa mill-iżbalji u minn irregolaritajiet.

L-għeluq tal-programmi 2000-2006 tħejja mill-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-Kummissjoni ħarġet dokument ta' gwida.

### **G) Oqsma ta' Politika Interna, inkluża r-riċerka (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 38-42)**

Il-Kummissjoni qed taħdem kontinwament fuq l-iżvilupp u l-adattament tas-sistema interna tagħha ta' kontroll biex tikkontrolla r-riskji marbuta ma' l-ambjent tagħha. Ittieħdu miżuri kbar fl-2005 biex jiġi introdott approċċ sistematiku għall-analiżi, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji.

Qafas ta' riskju ġie żviluppat fl-2005. Saret analiżi strateġika komprensiva tar-riskji, u qed tiġi attwalment implimentata fil-pjan annwali ta' tmexxija għall-2006.

Ġiet implimentata wkoll simplifikazzjoni tal-proċeduri b'użu ikbar ta' għodod ta' l-IT.

Is-servizzi kkonċernati użaw ukoll ir-riżultati ta' awditjar biex jivvalutaw l-ambjent ta' kontroll li fih qed jitmexxew il-programmi. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni tal-frekwenza ta' l-iżbalji fit-talbiet ta' spejjeż ittieħdet in konsiderazzjoni biex jitjebu l-kontrolli fl-FP6 (per eżempju l-introduzzjoni ta' ċertifikati ta' l-awditjar u penali tikkontribwixxi li jitnaqqsu l-għadd ta' żbalji fid-dikjarazzjonijiet ta' l-ispejjeż ippreżentati mill-benefiċjarji) u għas-simplifikazzjoni tal-FP7 li jmiss (per eżempju iktar użu ta' somom sħaħ u rati fissi).

Wara l-eżerċizzju fil-Valutazzjoni tan-Nuqqasijiet ta' l-2005, is-servizzi qed jikkontribwixxi għall-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni b'għadd ta' miżuri speċifiċi. L-oqsma ewlenin ta' ħidma ser ikunu strateġija ex-post ta' kontroll, l-użu ta' riżultati ta' verifika biex jiġu żviluppati sistemi ta' tmexxija u kontroll, ċirkwiti finanzjarji, is-sistema ġenerali ta' superviżjoni fis-seħħ fil-qasam finanzjarju u s-sistema ta' monitoraġġ u rappurtaġġ.

### **H) Azzjonijiet esterni (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 43-45)**

Il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi tagħha biex ittejjeb is-sistemi tagħha ta' superviżjoni u kontroll fil-qasam ta' l-azzjonijiet esterni u, b'mod partikolari, kompliet issaħħaħ il-verifiki esterni kif rakkomandat mill-Kunsill. Ġew stabbiliti struzzjonijiet ċari lill-awdituri esterni f'termini ta' referenza u r-riżultati tal-verifika huma kkontrollati u segwiti.

EuropeAid introduċiet miżuri biex jitjeb is-segwitu ta' l-awditjar u din is-sena pproduċiet analiżi tar-rapporti ta' l-awditjar iffinalizzati fl-2005. Barra minn hekk, dwar il-CRIS Audit, sistema speċifika ta' l-EuropeAid's Common Relex Information System (CRIS), bl-għan li tipprovdi database dwar informazzjoni ta' verifika, il-Kummissjoni beħsiebha tkompli ttejjeb l-operat tagħha biex tippermetti li jkun hemm sfruttament aħjar tas-sistema kemm fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll fid-Delegazzjonijiet.

### **I) Ghajjnuna ta' qabel l-adeżjoni (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 46-48)**

Il-Kunsill laqa' l-istqarrija tal-Qorti ta' l-Awdituri li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll fil-livell tas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni, d-Delegazzjonijiet u l-awtoritajiet li jiċċertifikaw kienu bażikament sodi u ħadmu fil-prattika għall-istrumenti kollha ta' qabel l-adeżjoni (Phare, Turkey, ISPA u Sapard) u li ma ġewx identifikati żbalji materjali fit-tranżazzjonijiet li ġew ittestjati.

Il-Qorti stiednet lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tassigura tmexxija finanzjarja soda ta' l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni. Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet, per eżempju billi għidet l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-ħtieġa li jieħdu miżuri korrettivi urġenti dwar is-Sistema Deċentralizzata ta' Implimentazzjoni (DIS) preżenti b'kontroll *ex ante* dwar deċiżjonijiet fuq kuntratti u għotjiet.

### **J) Spiża amministrattiva (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 49-52)**

Il-Kummissjoni ħadet nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-ispiża amministrattiva. B'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istandards Interni ta' Kontroll adottati fl-2000, il-Kummissjoni timpenja ruħha biex tagħmel segwitu annwali ta' l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti bażiċi relatati. Skond l-analiżi li saru tas-servizzi tal-Kummissjoni, fl-2005 95% tar-rekwiżiti bażiċi ġew osservati meta mqabbel ma' 93% fl-2004, li – f'ambjent li dejjem jinbidel – jista' jitqies bħala li ġie Prattikament implimentat kollu.

Taħt din l-intestatura il-Kunsill inkluda wkoll żewġ rakkomandazzjonijiet dwar l-aġenziji regolatorji. L-aġenziji huma istituzzjonijiet indipendenti u huma responsabbli biex josservaw ir-regoli u l-proċeduri rilevanti għar-reklutaġġ ta' l-istaff, kuntratti pubbliċi u awditjar. Madankollu, il-Kummissjoni tipprovdi gwida u appoġġ lill-aġenziji, per eżempju dwar l-awditjar, il-kuntratti, politika u awditjar ta' l-istaff, u fejn mitlub mill-aġenziji, il-Kummissjoni tipprovdi assistenza speċifika, per eżempju biex tgħinhom jifhmu u jinterpretaw ir-regoli<sup>4</sup>. L-aġenziji għandhom jiġu inkoraġġiti sabiex jiżviluppaw iktar il-kooperazzjoni ta' bejn l-aġenziji fejn xieraq sabiex jaqsmu l-ispejjeż u l-għarfien.

### **K) Strumenti finanzjarji u attivitajiet bankarji (Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, punti 53-54)**

Dwar il-Fond ta' Investiment Ewropew (EIF), il-parteċipazzjoni fuq il-Bord tad-Diretturi ta' uffiċjali għolja mit-tliet servizzi bl-akbar interess ta' politika fl-attivitajiet ta' l-EIF huwa l-aqwa assigurazzjoni tal-protezzjoni ta' l-interess tal-Komunità. L-introduzzjoni f'nofs l-2005 ta' Funzjoni ta' Konformità fl-EIF b'mandat partikolari li jassigura arranġamenti ta' konformità xierqa twaqqfu fir-rigward tal-politiki ta' l-UE u l-leġislazzjoni issaħħaħ aktar din l-assigurazzjoni. Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib ma' l-EIF sabiex tgħin tassigura l-effettività ta' din il-funzjoni l-għdida.

## **II. RAKKOMANDEZZJONIJET DWAR AĠENZIJI INDIVIDWALI (DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI, PUNTI 55-57)**

Il-Kummissjoni qed tieħu l-azzjoni rakkomandata mill-Kunsill. B'mod partikolari dwar iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem fir-rigward tad-drittijiet tal-pensjoni ta' l-impjegati tiegħu, il-Kummissjoni ppruvat bosta drabi tasal għal soluzzjoni, billi pproponiet approċċi mal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni, inklużi

<sup>4</sup> Ara wkoll l-eżempji msemmija f'punti 49 u 50 tad-dokument ta' ħidma anness.



offerta għal negozjati fuq ċerti perjodi li qed jiġu kkunsidrati. Ebda waħda minn dawn ma kellhom suċċess u l-Kummissjoni issa ddeċidiet li tippreżenta lment quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

### **III. KONKLUŻJONIJIET TAS-SEGWITU TAL-KWITTANZA GĦALL-2003 (DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI, PUNTI 58-63)**

Il-Kummissjoni qed tieġu l-azzjonijiet rakkomandati biex tagħmel segwitu għall-konklużjonijiet tal-kwittanza għall-2003, per eżempju rigward l-approċċ għall-immaniġġjar tar-riskji, il-produzzjoni ta' indikaturi adegwati għat-tmexxija bbażata fuq l-attività u l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' awditjar.

B'konformità ma' l-Artikolu 131 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni diġà tipprovdi rapport dwar l-implimentazzjoni tal-baġit lill-Awtorità tal-Baġit tliet darbiet fis-sena, imma ma tinkludix f'dan ir-rapport analiżi speċifika ta' l-istat kumulattiv ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ewlenin tal-Komunità kif mitlub mill-Kunsill. Il-Kummissjoni tipprovdi kull sena analiżi bħal din fir-Rapport tagħha dwar it-tmexxija finanzjarja u tal-baġit.

### **IV. RAPPORTI SPEĊJALI TAL-QORTI TA' L-AWDITURI (DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI, PUNTI 64-79)**

Il-Kummissjoni ser tieġu l-azzjonijiet rakkomandati mill-Kunsill dwar ir-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar id-devoluzzjoni tat-tmexxija ta' l-ġhajnuna esterna tal-KE lid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni (SR 10/2004), it-tmexxija ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (SR 1/2005), il-verifika tan-nefqa agri-ambjentali għall-iżvilupp rurali (SR 3/2005) u n-nefqa dwar l-interpretazzjoni tal-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill (SR 5/2005).

\* \* \*